MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 708/2012

**Mizzi Michael**
**ID-23358(G)**

**vs**

**Dr Gatt Joseph**
**ID-975850(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob l-ammont ta’ tlett elef u mitejn ewro (€3,200.00) rapprezentanti somma mislufa lill-konvenut skont zewg skritturi privati, hawn annessi mmarkati bhala Dok.A u Dok.B, liema somma ma gietx koperta bir-rahen, skont stima mahruga minn rapprezentant ta’ Daniel Azzopardi Antiques & Fine Arts, liema kopja qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, dan baqa' inadempjenti. Bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi skont l-iskrittura privata datata 22 ta' Awwissu, 2011, fl-eventwalita' li l-konvenut ma bieghx lill-attur sitt-(6) kilo deheb ghal valur ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500), li nghataw lill-konvenut, nghatat bhala garanzija gradenza. Illi huwa ammess li d-deheb ma nghatax lill-attur, izda l-attur ghandu fil-pussess tieghu l-gradenza u ghalhekk *stante* li din inghatat bhala garanzija ghas-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500), dan id-debitu huwa estint. Illi ghalhekk il-konvenut jaqbel li huwa debitur tal-attur izda fis-somma ta' elfejn u sebgha mitt ewro (€2,700) u mhux tlett elef u mitejn ewro (€3,200) kif qed jigi mitlub mill-attur. Dan kif jidher mit-tieni skrittura privata datata Dok.B. Illi minhabba diffikultajiet finanzjarji, l-konvenut jitlob li dawn jithallsu ratealment.

Semgha x-xhieda tal-attur u tax-xhud imressaq minnu, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara li ghandu s-sengha ta' *jeweller*. Illi xehed illi kien avvicinah il-konvenut u gharrfu li kien jaf persuna ohra, terza persuna, li xtaq igib xi deheb minn barra, u fil-fatt avvicina lill-attur sabiex jara jekk kienx interessat li jixtrih minghand il-konvenut. Illi l-konvenut talab lill-attur sabiex isellfu xi flus sabiex ikun jista' jixtri dan id-deheb, u l-attur accetta, ghalkemm talab illi jinghata garanzija illi ser jigi kkonsenjat id-deheb jew li dawn il-flus kienu ser jinghataw lura. Illi ghalhekk l-attur issugerixxa lill-konvenut illi dan tal-ahhar jaghtih xi bicca ghamara jew oggetti ohra ta' valur *in* garanzija ta' dan is-self.

Illi fil-fatt il-konvenut ikkonsenja credenza fl-istabbiliment tal-attur, u l-istess attur ikkonsenja sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) lill-konvenut, u giet redatta skrittura in rigward dan l-iskambju, liema skrittura hija datata 22 ta’ Awwissu, 2011. Illi sussegwentement, il-konvenut avvicina lill-attur u talab self ulterjuri in konnessjoni mal-istess konsenja ta’ deheb, u l-attur ghaddilu dawn il-flus, u giet imhejjija skrittura ohra datata 24 ta’ Awwissu, 2011; din id-darba s-self kien fl-ammont ta’ elfejn u seba’ mitt ewro (€2,700).

Illi d-deheb li l-konvenut kellu jikkonsenja lill-attur baqa’ ma wasalx, u ghalkemm l-attur ikkomunika diversi drabi mal-konvenut sabiex jivverifika mieghu dwar jekk id-deheb wasalx, il-konvenut gharrfu illi kien jehtieg aktar zmien sabiex id-deheb jasal, u eventwalment qata’ kull kuntatt mal-attur. Illi fil-frattemp il-credenza li l-attur inghata b’rahan u in garanzija tal-hlas li l-attur sellef lill-konvenut baqghet fil-pussess tal-attur, u dan tal-ahhar inkariga s-servizzi ta’ stimatur professjonista sabiex jistharreg dwar il-valur ta’ din il-credenza. Illi dan l-istimatur hareg valutazzjoni, li kopja taghha tinsab in atti.

Illi l-istimatur imsemmi ddikjara illi gie avvicinat mill-attur u ntalab sabiex jispezzjona bicca ghamara, aktar precizament credenza, li l-attur kellu fil-pussess tieghu, u jaghti valutazzjoni tal-istess. Illi hu ra din il-credenza, u wara li stabilixxa l-valur, hejja l-valutazzjoni relattiva, li kopja taghha tinsab a Fol.4 tal-atti. Illi l-istess stimatur iddikjara illi l-valur ta’ ghamara bhal dik li kienet tinsab fil-pussess tal-attur jigi determinat mid-domanda fis-suq. Iddikkjara wkoll illi minkejja l-fatt illi l-istima kien hejjija fl-2012, il-valur minnu indikat huwa valur reali u ghadu applikabbli anke fil-prezent.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti jirrizulta illi sar self mill-attur lill-konvenut fl-ammont ta’ sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) permezz ta’ skrittura datata 22 ta’ Awwissu, 2011, u ta’ somma ulterjuri fl-ammont ta’ elfejn u seba’ mitt ewro (€2,700) permezz ta’ skrittura datata 24 ta’ Awwissu, 2011. Illi dan

is-self kien intiz sabiex il-konvenut jixtri u jakkwista sitt-(6) kilos deheb, liema deheb kellu mbaghad jigi kkonsenjat lill-attur versu l-prezz imhallas minnu *in linea* ta' self. Illi da parti tieghu, il-konvenut ikkonsenja lill-attur credenza antika, u dan bhala garanzija illi jigi kkonsenjat id-deheb, u fin-nuqqas illi tali deheb jigi kkonsenjat, allura l-credenza in kwistjoni kellha tinzamm mill-attur *in linea* ta' hlas jew kumpens minflok il-konsenja tad-deheb.

Illi effettivament id-deheb ma giex ikkonsenjat lill-attur fi zmien sebat-(7) ijiem kif kien hemm stipulat fl-iskrittura, u tali deheb baqa' ma giex ikkonsenjat. Illi ghalhekk, u in vista tal-intendiment bejn il-partijiet, il-konvenut zamm il-credenza minflok id-deheb. Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attur qed jitlob id-differenza bejn is-self li ta lill-konvenut, li kumplessivament jammonta ghal disat elef u mitejn ewro (€9,200), u l-valur li gie attribwit lil credenza li giet ikkonsenjata lilu mill-konvenut, liema credenza nghatat il-valur ta' sitt elef ewro (€6,000) minn stimatur tal-antikitajiet.

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut, kif rizultanti mir-risposta tieghu, m'hix illi l-ammont reklamat mill-attur mhux dovut, izda li mhux dovut fl-intier tieghu. Illi l-konvenut iddikjara illi l-ammont minnu dovut huwa dak ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700), ghaliex meta giet ikkonsenjata l-credenza lill-attur, din giet attribwita l-valur ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500), u mhux sitt elef ewro (€6,000) kif gie stabbilit mill-istimatur.

Ikkunsidra,

Illi l-Artikolu 1973 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi illi: "*Kull patt li jaghti s-setgha lill-kreditur li jiehu bi proprjeta' r-rahan, jew li jiddisponi minnu minghajr ma jhares il-procedura msemmija fl-artikolu 1970, jew li jnehhi lill-kreditur jew lid-debitur il-jedd li jitlob il-bejgh tar-rahan kif jinghad fl-artikoli 1970, 1971 u 1972, huwa null.*" Illi ghalhekk dik il-parti tal-iskrittura datata 22 ta' Awwissu, 2011 li giet iffirmata mill-partijiet li fiha gie stipulat illi "*F'kaz li l-istess Joseph Gatt ma jikkonsenjax lill-istess Michael Mizzi id-deheb fuq imsemmmija fiz-zmien sebat*

*ijiem mil-lum, l-istess Michael Mizzi izomm il-gradenza li l-istess Joseph Gatt ikkonsenja lill-istess Michael Mizzi bhala garanzija tal-istess somma fuq imsemmija ta' sitt t'elef u hames mitt ewro (€6,500), u b'hekk l-istess Joseph Gatt ma jibqghalu ebda drittijiet u/jew pretensjonijiet fuq l-istess gradenza"* hija nulla, u l-arrangament li jidher li l-partijiet waslu ghalih illi l-attur ser izomm il-credenza *invece che* li jircievi d-deheb, imur kontra d-dettami tal-ligi. Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi mhux fil-kompitu tieghu jistabilixxi jekk il-valur attribwit lill-credenza mill-istimatur hux wiehed gust, u jekk allura l-bilanc li huwa dovut mill-konvenut hux dak mitlub mill-attur, jew dak dikjarat mill-konvenut fir-risposta tieghu, ghaliex skont il-provvedimenti tal-ligi msemmija, l-attur kellu jipprocedi sabiex jitlob lill-Qorti kompetenti tawtorizzah ibiegh l-oggett fl-irkant taht is-setgha taghha, u mhux li jzommha hu, kif jidher li ghamel, ghaliex anke kkonferma li ghadha fil-pussess tieghu.

Illi madanakollu, u fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret mill-konvenut fir-risposta tieghu illi permezz taghha rrikonoxxa illi huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700), it-Tribunal ser jipprocedi sabiex jordna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija; u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur sabiex jottjeni l-hlas tal-kumplament tal-kreditu dovut lilu, u li dwaru l-konvenut ipprovda l-credenza b'rahan.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' *in parte* t-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------